TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 530/09

**Ruth Galea**

**vs**

**Bond's Ltd.**

Illum 4 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-3 ta' Diċembru, 2009 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' elfejn, tliet mija u ħamsa w ħamsin ewro (€2,355), rappreżentanti prezz ta' żewġ *spare bedrooms* li allegatament kien hemm diversi nuqqasijiet.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' intimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija xtrat żewġ *spare bedrooms*, u meta ġew installati kien hemm diversi nuqqasijiet.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet li jekk kien hemm xi nuqqasijiet, kienet lesta sabiex tagħmilhom u tirranġhom, u l-kawża ġiet imħollija *sine die* sabiex dan isir.

Għalkemm tħalliet *sine die*, r-rikorrenti reġgħet ilmentat li kien hemm diversi nuqqasijiet minkejja li saru t-tiswijiet.

Minħabba n-natura teknika tal-materja, t-Tribunal qabbad espert tekniku lis-Sur Vincent Ciliberti, sabiex jeċċedi fuq il-post u jipprepara rapport fuq dawn in-nuqqasijiet, fejn fir-rapport tiegħu kkonkluda li kien hemm diżgwid bejn il-partijiet. Illi parti waħda riedet titħallas meta tieħu l-merkanzija u l-parti l-oħra ried li tiġi eżaminata l-għamara qabel tittella' fuq.

Is-Sur Ciliberti kkonkluda wkoll illi din hija għamara ta' *mass production* u mhux ta' kwalita' għolja ħafna u li hija *composite material* u l-prezz huwa għalhekk relatat. Hemm diversi imperfezzjonijiet li huma inaċċettabbli u li hemm bżonn ftit aktar aġġustament.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet u wara li ra r-rapport tal-espert tekniku, jikkonkludi illi jista' jkun li hemm diversi nuqqasijiet, illi għaldaqstant is-soċjeta' intimata għandha tikkonsenja l-għamara kollha tajba.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' tliet mitt ewro (€300), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata, inkluż l-ispejjeż tar-rapport tal-espert tekniku.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**